Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 1698

Kaz Numru 2260 MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Jesmond Caruana

U

Foster clark Company Limited Dwaw tkeccija mill-impjieg alleagata li hi ngusta

Illum 15 ta' Mejju 2006

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara Rikors tal-Avukat Dr. Marvic Debarro ghan-nom ta' Jesmond Caruana dwar allegazzjoni li t-tkeccija ma kinetx ghal raguni tajba u sufficjenti, mibghuta lit-Tribunal Industrijali fit-23 ta' Frar 2005 fejn intalab li dan il-kaz jigi deciz mit-Tribunal Industrijali.

Jesmond Caruana maghruf bhala l-appellanta kien assistit mill-Avukat Marvic Debarro u ghall-Kumpanija Foster Clark Company Limited dehru s-sinjuri Claude Frendo u Steve Vella assistiti mill-Avv Roselyn Borg.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien jahdem bhala machine operator ghal seba' snin u il-gurnata tal- incident gie avvicinat minn Annabelle Grech fejn akkuzatu li hu kien qieghed imexxi xi

informazzjoni fuqha u uzat kliem offensiv fil-konfront tieghu. Hi kienet giet tkellmu fuq il-post tax-xoghol tieghu u waqt li kienet serja lura tfixklet fuq xi separators li kien hemm mal-art.

Fl-isqarrija tal-Foster Clark Products Limited iddikijaraw illi dik il-gurnata tal-incident Jesmond Caruana stqarr li imbotta lill-Annabelle Grech bil-konsegwenza li waqghat mal-art u ghalhekk il-kumpanija kellha tkeccieh minhabba li huma hekk obbligati skond il-ftehiem kollettiv.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Claude Frendo li huwa l-Administartion and Human Resources Manager tal-Kumpanija Foster Clark Company Limited fejn qal illi mill-investigazzjonijiet irrizultalu li Jesmond Caruana kellu xi jghid ma Annabella Grech u taha daqqa u xehitha mal-art u ghalhekk kellu jiddeciedi fuq dan il-kas. Ghar-rigward il-procedura stabbilita fil-collective agreement ix-xhud qal li peress li Jesmond Caruana ammetta ghall-incident ma kienx hemm bzonn li tigi kkonsultata il-Union.

Xehed Steve Vella il-human Resource Manager fejn qal illi mill-investigazzjonijit tieghu irrizulta illi Jesmond Caruana kien hebb ghall-Annabelle Grech kif ukoll l-istess Jesmond Caruana ammetta li kien tah daqqa go wicccha u mbuttha. Il-karti u l-kas ghaddew f'idejn Claude Frendo li huwa l-HR Manager fejn iddecieda fuq il-kaz. Dwar Annabella Grech gie deciz li tigi sospiza ghall-tlett ijiem u wara tidhol lura ghax-xoghol. Iddikjara ukoll illi konsultazzjoni mal-Union ma saritx.

Xehedet Annabella Grech fejn qalet li tahdem bhala machine operator ma Foster Clark Company Lmited fejn qalet li semget certu diskors fuqha u ressqet zewg passi lejn Jesmond Caruan sabiex jigi ccarat id-diskors u qalet lill-Jesmond Caruana illi jekk ghandu xi jgid xi haga jghidlha f'wiccha. Hekk kif qaltlu hekk nizel minn fuq il-banketta u ta' daqaa fuq wiccha u mbotta. Innegat li qalet xi diskors pastaz. Giet sospiza ghal tlett ijiem u baqghat minghajr paga. Iddikjarat ukoll illi qabel l-incident qatt ma ghamel rappost fuq fastidju.

Xehed ukll Anthony Azzopardi li huwa l-Assistant Production Manager ma Foster Clark Company Limited fejn qal li lill-Jesmond Caruana tah xoghol dik il-gurnata fuq Can Line 1 u lill-Annabella Grech bghata tnaddaf line 2. Waqt l-incident ma kienx prezenti pero gew ghandu wara. Meta Annabelle marret tkellmu seta jikkonferma li kellha line ahmar fuq wiccha. Qal ukoll li kellu talba minn Annabelle sabiex ma tkunx xoghol hdejn Jesmond pero xorta marret hemmhekk.

Xehed ukoll Gaetano Micallef li huwa l-Factory Manager fejn qal li gie infurmat bil-kas u beda jinvestiga u qabbad lill-Human Resource Manager jiehu l-istqarrijiet u qal li taw l-istqarrijiet lil kull mien gie sabiex jaqrawhom u iffirmawhom.

Xehed Jesmond Caruana fejn ta' rendikont tal-incident fejn qal li kien ilu jahdem ma Foster Clark Company Limited ghal seba snin u xogholu kien ta' machine operator. Xogholu dik il-gurnata kien fuq Line 1 u f'daqqa wahda giet fuqu Annabelle Grech u bdiet tghajjat u tkellmu hazin bil-familja kollox u qalilha sabiex titlaq lil hemm. Bdiet ixxejjer idejha u haseb li ser taghmel ghalih u qal li seta laqatha pero ma imbuttahiex u waqghat mal-art u dak il-hin qabdet u telqet minn hemm. Iddikjara li qatt ma refa idejh fuqha. Dak il-hin gie sospiz mix-xoghol u aktar tard fil-gimgha ircieva ceqq id-dar kif ukoll it-termination notice. L-istess Jemond Caruana qal ukoll qad mal-magna u ma marx il-boghod minn nofs metru. Ammetta li laqatgha pero mhux biex jibbuttha.

Xehed Roderick Cauchi li huwa packer u dik il-gurnata tal-incident kien qieghed jahdem ma Jesmond Caruana fuq l-istess magna. Qal li ra lill-Annabelle Grech gejja fuq il-magna fejn kien hemm Jesmond u hu pero ma setax jisma x'kien qieghed jintqal ghax kellu l-heaphones. Qal ukoll li ma ra xejn ghax kien mohhu fuq ix-xoghol. Minkejja li iffirma dikjarazzjoni fejn qa li ra lill-Annabelle Grech tigi imbottata issa qieghed jghid li l-istqarriia ma qrajhiex pero iffirma. Dak il-hin it-Tribunal ordna konfront fejn Steve Vella qal li inqratlu l-istqarrija waqt li Roderick Cauchi qal li ma inqratkux.

Xehed Charlo Cachia li huwa machine operator fejn qal li ghar-rgward dik il-gurnata tal-incident kien shift ma Jesmond Caruana u ra lill-Annabelle tillitika ma Jesmond u bega jaghmlilha sinjal b'idejh sabiex

titlaq u ra l-ghajjat ukoll. Iddikjara illi ma rax lill-Jesmond Grech jimbotta lill-Annabelle Grech pero qal li wara ftit telqet. Kien liebes il-earphones ukoll.

Xehed ukoll Raymond Baldacchino li ukoll kien xoghol ma' Jesmond Caruana dik il-gurnata tal-incident u kien fl-istess shift u kien xi tlett metri boghod minn Jesmond Caruana fejn iddikjara illi ma rahomx jiggieldu bil-ponn u l-anqas b'xi haga ohra. U l-anqas ra jimbuttha.

Xehed ukoll Edward Sammut fejn xogholu huwa ta' machine operator ma Foster Clark Company Limited fejn qal li kien xoghol dik il-gurnata tal-incident u u kien il-boghod qiesu tul l-Awla ghal darbtejn u ra lill-Annabelle u Jesmond jargumentaw pero ma setax jifhem x'intqal. Ra lill-Jesmond qiesu jkecciha lill-'hemm pero ma rahx jerfa idejh fuqha. Qal li marret fuqu Annbelle ghax Jesmond xogholu f kien fil-can lline u Annabelle mhiex xogholha hemm..

## KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ukoll ra u ezamina in-noti rispettivi tal-partijiet u ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li hemm zewg versjonijiet tal-partijiet li huma differenti minn xulxien pero jirrifletti l-istess fatti u ghalhekk irid jiggudika fuq liema verzjoni wahda hija korretta.

Xoghol il-gudikat huwa li jwiezen il-fatti, jara x-xhieda kif xehdu fuq il-pedana tax-xhieda u jipprova jasal ghall-konkluzzjoni min qieghed jqarreb il-verita jew minn qieghed jghid il-verita.

F'dan il-kas it-Tribunal qieghed jemmen aktar i-versjoni ta' Jesmond Caruana meta qal li refa idejh sabiex juriha biex titlaq lil hemm u seta missha u li ma kellux ebda intenzjoni sabiex jaghtiha daqqa ta' harta u sabiex jinbotta. Dan qieghed jinghad fid-dawl illi Jesmond Caruana kien ilu jahdem hemm ghal diversi snin u a ma jidhirx li kellu xi problemi fuq dixxiplina mal-management jew ma shabu haddiema ukoll. It-Tribunal qieghed ukoll jemmen li seta kien provokat meta Annabelle ccaqalqet minn fuq il-post tax-xoghol taghha u marret appozitament hdejn Jesmond Caruana meta hi stess kienet qalet lill-Manager sabiex ma jpoggiehex hdejn Jesmond Caruana. Dak kollu

inghad it-Tribunal xorta qieghed jaghmilha cara illi ebda impjegat inklus Jesmond Caruana mhu awtorizzat jew gustifikat li juza xi tip ta' vjolenza minima kemm hi minima sabiex ixejjen xi ghawg specjlament meta hija tas-sess oppost.

It-Tribunal ihoss ili il-Kumpanija Foster Clark Company Limited uzat t-tkeccija wisq malajr fil-konfront ta' Jesmond Caruana. It-Tribunal jinnota ukoll Ili fil-konfront ta' Annabelle Grech irrizulta biss illi inghatat paga sospiza ghal tlett ijiem meta hi kienet il-princimes ta' dan l-incident.

It-Tribunal jonnota ukoll illi l-kumpnaija Foster Clark Company Limited messet tat aktar importanza ghal dak li jghid il-ftehiem kollettiv meta hemm miftiehem illi "If the company in consultation with the Union representative, is satisfied that the employee is guilty of such misconduct, the employee may be dismissed instantly." F'dan il-kas il-management ghazel li jissospendieh u jaghmel l-investigazzjoni tieghu b'hekk giet skattatta din il-klawsula. Il-Management kien obbligat li jikkonsulta mal-Union. Il-kelma hija konsultazzjoni u mhux partecipazzjoni fid-decizzjoni. Hawn it-Tribunal jinnota illi l-kumpanija Foster Clark Company Limited naqset serjament milli tikkonsulta u ghalhekk naqset mill-obbligi taghha fuq dak li hi stess iffirmat fil-ftehiem kollettiv. Dan pero ma jinfluwixxi xejn fuq id-decizzjoni tat-Tribunal u kif ser jasal ghaliha.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li t-tkeccija ta' Jesmond Caruana mill-impjieg tieghu ma Foster Clark Company Limited ma kinetx gustifiku ma kienx hemm raguni tajba u sufficjenti sabiex twassal ghat-tkeccija.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi billi jiilqa dan ir-rikors u jordna lis-socjeta Foster Clark Company Limited ihallas lill-Jesmond Caruana l-ammont ta' seba' miit Lira Maltin (LM700) bl-ispejjes ghandhom jigi sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Għall-finijiet ta' L-Avviż Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbgħin Lira Maltin (LM40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Avv Martin Fenech
Chairman

Vera Kopja

Vincent Micallef
Segretarju